MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru 48/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**MELVIN PACE**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MELVIN PACE** ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena, bin Louis u Rita xebba Camilleri, imwieled il-Pieta’ nhar l-20 ta’ Gunju 1986 u residenti Nru. 28A, Triq Sant Anna, il-Belt Valletta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru 280686M tressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta’ Frar 2012, gewwa l-Marsa, kif ukoll fix-xahrejn ta’ qabel din id-data, f’hinijiet differenti u fi bnadi ohra madwar Malta:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga *herojina*, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga *herojina* specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli nhar il-5 ta’ Frar 2012, ghall-habta tal-11.15am, gewwa l-Marsa:

c) Ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Pc 1348 Joseph Campbell, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

d) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Pc 1348 Joseph Campbell f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Pc 1348 Joseph Campbell, liema hsara ma ggib l-ebda konsegwenza skond l-Art 216 jew 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll liema hsara saret fuq il-persuna ta’ uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta’ korp kostitwit b’liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha;

e) Saq vettura ta’ l-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni DAS-783, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz u dan ai termini ta’ l-Artikoli 15 (1)(a) u 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kien qed jaqdi id-doveri tieghu jew ma halliex jew fixklu waqt il-qadi ta dmirijietu u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

U aktar talli:

g) sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur, ta’ l-ispejjes kollha jew parti minnhom li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta’ l-esperti li jkunu gew

mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, fedina penali ta' l-imputat, stqarrija ta' l-imputat, okkorrenza, kunsens ta' l-Avukat Generali skond il-Kap 9, kunsens ta' l-Avukat Generali skond il-Kap 101 u oggetti relatati ma' droga.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu nhar is-sitta (6) ta' Frar 2012, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata ta' l-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkoopera maghha.

Rat il-fedina penali tieghu li hija wahda reflattarja hafna u ghalhekk piena karcerarja hija l-piena idoneja u m'ghandhiex tinghata fil-minimu taghha.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ghandu problema ta' abbuz ta' droga u ghalhekk a bazi ta' din id-dikjarazzjoni l-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korettiva ta' Kordin sabiex jassisti lill-imputat f'dan il-vizzju.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 49, 50, 216, 218 u 338(ee) u 533(1) tal-Kapitolu 9; Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 u Artikolu 8(1)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat MELVIN PACE hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija effettivi, kif ukoll tikkundannah multa ta' erba' mija u sitta u sittin Ewro (€466).**

**Tordna in oltre, skwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' xahar mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------